Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9740 — ISQ/Rubis/Rubis Terminal)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 56/09)

1. Fit-12 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— I Squared Capital Advisors LLC ("ISQ", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Rubis SCA ("Rubis", Franza),

— Rubis Terminal S.A. ("Rubis Terminal", Franza), li bħalissa hija kkontrollata minn Rubis.

ISQ takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Rubis Terminal kollha kemm hi, flimkien ma' Rubis.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ISQ: kumpanija tal-investiment li tiffoka fuq setturi bħalma huma l-enerġija, l-utilitajiet, it-telekomunikazzjoni u t-trasport f'livell dinji.

— Rubis: kumpanija speċjalizzata fid-distribuzzjoni ta' prodotti taż-żejt u l-ħażna ta' prodotti likwidi (inklużi prodotti taż-żejt, kimiċi, prodotti agrikoli u fertilizzanti) f'livell dinji.

— Rubis Terminal: diviżjoni kummerċjali ta' Rubis li prinċipalment tħaddem terminals ta' ħażna bil-ħafna fil-Belġju, Franza, in-Netherlands u t-Turkija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9740 — ISQ/Rubis/Rubis Terminal

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:
European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.